



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 50/26

Il-Lussemburgu, 14 ta' April 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-590/23 | Pelham (Kunċett ta' "pastiċċ")

### Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-portata tal-eċċezzjoni ta' "pastiċċ" fil-kuntest tat-"teħid ta' kampjuni ta' xogħol mużikali" (sampling)

*Din l-eċċezzjoni hija intiża li tiżgura bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-dritt għal-libertà tal-arti*

Fil-kuntest tat-tilwima, li kienet ilha għaddejja fit-tul, relatata mat-teħid ta' kampjun (sample) ta' titolu mużikali tal-grupp Ġermaniż Kraftwerk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-eċċezzjoni ta' "pastiċċ", li tippermetti li jintużaw elementi ta' xogħol li jkunu protetti mid-drittijiet tal-awtur mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tad-detenturi tad-drittijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, b'mod partikolari, li din l-eċċezzjoni tkopri kreazzjonijiet li jevokaw xogħol jew numru ta' xogħlijiet eżistenti, filwaqt li jkun fihom differenzi perċettibbli fejn jidhru l-istess xogħlijiet, u li jużaw uħud mill-elementi karatteristiċi tagħhom protetti mid-drittijiet tal-awtur, inkluż permezz tat-"teħid ta' kampjuni" (sampling), bl-għan li jidhru fi djalogu artistiku jew kreattiv ma' dawn ix-xogħlijiet li jkun jintgħaraf bħala tali. Dan id-djalogu jista' jjieħu forom differenti, b'mod partikolari dik ta' imitazzjoni stilistika miftuħa tal-imsemmija xogħlijiet, ta' tribut għal dawn tal-aħħar jew ta' konfrontazzjoni umoristika jew kritika ma' dawn l-istess xogħlijiet.

Il-grupp mużikali Ġermaniż Kraftwerk ippubblika, fl-1977, fonogramma li fuqha jidher it-titolu mużikali "Metall auf Metall".

Iż-żewġ fundaturi ta' dan il-grupp ħarrku quddiem il-qorti Ġermaniżi liż-żewġ kompożituri tat-titolu mużikali "Nur mir" kif ukoll lill-produttur tal-fonogrammi li fuqhom deher dan it-titolu fl-1997 (u mill-ġdid fl-2004) Pelham GmbH. Huma <sup>1</sup> lmentaw li dawn kisru, b'mod partikolari, id-dritt relatat tad-dritt tal-awtur, li tiegħu huma detenturi fil-kapaċità tagħhom ta' produttur ta' fonogrammi <sup>2</sup> billi kkopjaw, taħt forma elettronika, kampjun (sample) ta' madwar żewġ sekondi, ta' sekwenza ritmika tat-titolu "Metall auf Metall" u billi integraw dan il-kampjun, permezz ta' ripetizzjonijiet suċċessivi, fit-titolu "Nur mir".

F'din it-tilwima, li ilha għaddejja għal iktar minn 20 sena <sup>3</sup>, kien fadal li tiġi deċiża l-kwistjoni dwar jekk dan it-teħid ta' kampjuni kienx, sa mis-7 ta' Ġunju 2021, permess bħala użu għal finijiet ta' "pastiċċ". F'din id-data, fil-Ġermanja daħlet fis-seħħ eċċezzjoni għad-drittijiet tal-awtur u għad-drittijiet tal-produttur ta' fonogrammi, li tawtorizza, għal finijiet ta' karikatura, ta' parodija jew ta' pastiċċ, ir-riproduzzjoni, id-distribuzzjoni u l-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol ippubblikat.

Peress li din l-eċċezzjoni kienet issib l-orijini tagħha fid-dritt tal-Unjoni <sup>4</sup>, il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-portata tal-kunċett ta' "pastiċċ".

Il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta fis-sens li l-eċċezzjoni ta' "pastiċċ" <sup>5</sup> tkopri kreazzjonijiet li jevokaw xogħol jew numru ta' xogħlijiet eżistenti, filwaqt li jkun fihom differenzi perċettibbli fejn jidhru l-istess xogħlijiet, u li jużaw uħud mill-

elementi karatteristiċi tagħhom protetti mid-drittijiet tal-awtur, inkluż permezz tat-“teħid ta’ kampjuni” (sampling), bl-għan li jidħlu fi djalogu artistiku jew kreattiv ma’ dawn ix-xogħlijiet li jkun jintgħaraf bħala tali <sup>6</sup>. Dan id-djalogu jista’ jjieħu forom differenti, b’mod partikolari ta’ imitazzjoni stilistika miftuħa tal-imsemmija xogħlijiet, ta’ tribut għal dawn tal-aħħar jew ta’ konfrontazzjoni umoristika jew kritika ma’ dawn l-istess xogħlijiet.

Biex ikun jista’ jiġi kkonstatat li użu jsir “għal skop” ta’ pastiċċ, huwa suffiċjenti li n-natura ta’ “pastiċċ” tkun tintgħaraf mill-persuni li jafu x-xogħol eżistenti li minnu jkunu ttieħdu elementi. Għaldaqstant ma huwiex neċessarju li jiġi kkonstatat li l-utent kellu l-intenzjoni li juża xogħol għal tali finijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li din l-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni ta’ “pastiċċ” tiżgura bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tal-libertà tal-arti u tad-drittijiet tal-awtur, kif ukoll taċ-ċertezza legali.

Hija l-Qorti Federali tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi t-tilwima pendenti quddiemha billi tieħu inkunsiderazzjoni r-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fid-deċiżjoni ta’ rinviju tagħha, il-Qorti Federali tal-Ġustizzja kienet osservat li, skont il-konstatazzjonijiet magħmula waqt l-istanza preċedenti <sup>7</sup>, it-titolu mużikali “*Nur mir*” wettaq konfrontazzjoni artistika mas-sekwenza ritmika meħuda mit-titolu mużikali “*Metall auf Metall*”, f’ġeneru mużikali differenti, filwaqt li, minkejja t-tnaqqis tat-tempo u d-diskrepanza ritmika, huwa mifhum fis-sens li jagħmel allużjoni għall-oriġinali.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), u [fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq “[Europe by Satellite](#)” ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Peress li wieħed minnhom miet fl-2020, l-aventi kawża tiegħu tidher bħala parti fit-tilwima minn dak il-mument l hawn.

<sup>2</sup> Li fuqhom jidher it-titolu “*Metall auf Metall*”.

<sup>3</sup> Frisposta għal rinviju għal deċiżjoni preliminari preċedenti tal-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża fil-kuntest tal-istess tilwima, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li s-sampling jista’ jikkostitwixxi preġudizzju għad-drittijiet ta’ produttur ta’ fonogramma meta dan iseħħ mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu. Madankollu, l-użu taħt forma mibdula u li ma tingħaraf mas-smiġħ, ta’ kampjun akustiku meħud minn fonogramma ma jikkostitwixxi preġudizzju għal dawn id-drittijiet, anki fl-assenza ta’ tali awtorizzazzjoni (ara s-sentenza tad-29 ta’ Lulju 2019, Pelham *et*, [C-476/17](#); ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 98/19](#)).

<sup>4</sup> [Direttiva 2001/29/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti ta’ drittijiet ta’ l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta’ l-informazzjoni. Din id-direttiva tagħti lill-Istati Membru l-fakultà li jipprevedu eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet esklużivi ta’ riproduzzjoni u ta’ komunikazzjoni lill-pubbliku, b’mod partikolari fil-każ ta’ użu għal finijiet ta’ karikatura, ta’ parodija jew ta’ pastiċċ.

<sup>5</sup> Imsemmija fl-Artikolu 5(3)(k) ta’ din id-direttiva. F’dan il-kuntest il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li din l-eċċezzjoni ma hijiex ta’ natura residwa (Auffangtatbestand), fis-sens li din tkopri kull forma ta’ użu kreattivi ta’ materjal protett mid-drittijiet tal-awtur.

<sup>6</sup> Għaldaqstant, il-kunċett ta’ “pastiċċ” ma jkoprix imitazzjonijiet moħbija ta’ materjal protett, jew saħansitra plaġjariżmu.

<sup>7</sup> Jiġifieri quddiem il-Qorti Reġjonali Superjuri ta’ Hamburg.